MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 864/1972/1

**Tancredi sive Eddie Testa u b'digriet tat-8 ta' Settembru, 1978 stante l-mewt ta' Tancredi sive Eddie Testa l-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna ta' Giovanna mart Tancredi Testa f'isimha stess u bħala gia' komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti u bħala leġittima rappresentanti b'uliedha minuri Joseph u Stephen aħwa Testa u ta' Frederick u Raymond ulied maġġorenni.**

**-vs-**

**Consiglio D'Amato.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-25 ta' Ottubru, 1972 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Illi bejn il-kontendenti kien hemm assoċjazzjoni relattiva għall-importazzjoni, bejgħ u tiswija ta' radji u televisuri u aċċessorji, li kienet eserċitata taħt l-isem "Western Radio Service" fl-istabiliment f'Saint Joseph (High) Street, Ħamrun, u, kaxxier tal-assoċjazzjoni kien il-konvenut li kien iżomm f'idejh il-fondi komuni u l-kotba;

U, illi, meta l-partijiet itterminaw dina l-assoċjazzjoni ma qablux dwar l-ammont li l-attur kien baqalu jieħu għal sehmu mill-profitti komuni, wara li jinqatgħu d-*drawings* li huwa kien għamel, u għalhekk, bi skrittura tad-9 ta' Diċembru, 1967, (Dok. A) il-partijiet kienu ftehmu li jinkarigaw erba' komputisti, jew *accountants* biex jeżaminaw il-kotba u joħorġu prospett li juri d-dħul u l-ħruġ tal-assoċjazzjoni u obbligaw ruħhom li joqogħdu għar-riżultat illi jaslu fih dawna l-komputisti;

U illi dawna l-komputisti fil-25 ta' Ġunju, 1972 ippreżentaw il-prospett tagħhom unanimu (Dok. B) li minnu jirriżulta li l-attur baqalu jieħu mingħand il-konvenut għal sehmu mill-profitti, liri maltin wieħed u għoxrin elf seba' mija u tnejn (Lm21,702) ħdax-il ċenteżmu (11c) u tliet millesimi (3m) għall-bilanċ ta' sehmu mill-profitti tal-assoċjazzjoni fuq indikata li l-konvenut żamm f'idejh kif jirriżulta minn dik ir-relazzjoni;

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

Tikkundannah iħallas lill-attur is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, seba' mija u żewġ liri Maltin, ħdax-il ċenteżmu u tliet
milleżmi (Lm21,702.11,3) għall-bilanċ ta' sehmu mill-profitti
tal-imsemmija assoċjazzjoni liema somma l-konvenut kien żamm f'idejh u dana kif jirriżulta mir-relazzjoni fuq indikata tal-erba' esperti nkarigati mill-partijiet a bażi tal-ftehim fuq indikat.

Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Settembru, 1972, kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fl-14 ta' Novembru, 1972 li permezz tagħha eċċepixxa;

Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-liġi peress li:

1. L-iskrittura tad-9 ta' Diċembru, 1967 hi nulla u bla effett peress li biha ġew nominati erba' komputisti, mentri l-liġi tirrikjedi li n-numru tal-arbitri irid ikun bil-fard (Art. 967. Tal-Kodiċi tal-Proċedura).

2. mingħajr preġudizzju għall-ewwel paragrafu d-deċiżjoni tal-arbitri hi nulla u bla effett (a) peress li l-iskrittura tal-arbitrat waqgħet wara sitt xhur skond l-Artikolu 972 (2) tal-istess Kodiċi; u (b) għaliex il-formolitajiet tal-Liġi rigwardanti l-qari u preżentata tad-deċiżjoni ma ġewx segwiti.

3. mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konklużjonijiet tal-arbitri huma żbaljati għar-raġunijiet li ttieħdu in konsiderazzjoni l-importazzjoni u bejgħ ta' *spare parts* tar-radji meta dawn qatt ma kienu jifformaw parti mill-operat komuni, u għal raġunijiet oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, fosthom li ma eżaminawx il-kotba kollha, u lanqas ma semgħu provi mill-partijiet.

Salvi eċċezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tas-seduti.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija fis-26 ta' Jannar, 2005 illi permezz tagħha l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Lulju, 2006 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

Rat il-verbali preċedenti u l-atti proċesswali kollha.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal kawża kienu dawn. Il-partijiet u cioe’ l-mejjet Tancred Testa u l-konvenut kellhom soċjeta’ bejniethom illi ddeċidew illi jtemmu minħabba ċertu disgwid fl-1967. Għal dan il-għan inkarigaw erba’ persuni u cioe’ tnejn impjegati ta’ l-attur u tnejn tal-konvenut *biex jiċċekjaw il-kotba ta’ l-input u expenditure etc re il-bilanċ li juru fil-preżent u biex jiċċekjaw il-korrettezza tiegħu.* Huma obligaw ruħhom ukoll li *jaċċettaw li l-finalita’ tar-riżultat ikun aċċettat minn għandna t-tnejn.* (Dok A).

Il-persuni nkarigati ippreżentaw ir-rapport tagħhom f’Ġunju 1972. L-attur talab il-ħlas tan-nofs l-ammont finali aċċertat minnhom izda l-konvenut irrifjuta li jħallas u għalhekk saret il-kawża.

L-eċċezzjonijiet li dwarhom trid tiddeċiedi l-Qorti hija jekk ir-rapport imsemmi kienx jikkostitwixxi arbitraġġ li l-għeluq tiegħu kellu jservi ta’ deċiżjoni li minnha ħadd ma seta’ joħroġ
u allura li l-konvenut kellu jobdi billi jħallas nofs l-ammont li waslu għalih dawn l-erbgħa minn nies billi hu kien iżomm il-flus tan-negozju għandu. Il-konvenut qed jeċċepixxi illi dan kien arbitraġġ u allura bħala tali l-arbitri kellhom id-dover li jimxu skrupolosament skond id-dettami tal-Kodiċi tal-Proċedura li jirrigwardja l-arbitraġġi. Da parti tiegħu l-attur isostni illi l-ftehim kien skond kif kien jgħid l-Artikolu 985 (2) tal-Kapitolu 16 dak iż-żmien u cioe’ li l-arbitri għandhom jiddeċiedu skond ir-regoli msemmija jekk l-att ta’ l-arbitraġġ ma jkunx tahom is-setgħa li jiddeċiedu bħal fil-każ ta’ arranġament li jsir minn ħabib.
Saru riferenzi għal numru ta’ sentenzi (m’humiex hafna fil-verita’) li jsostnu illi jekk l-arbitru jew arbitri ma jimxux skrupolosament skond dak li jgħid il-Kodiċi tal-Proċedura l-arbitraġġ ikun null u ma jkunx jorbot lill-partijiet. Fil-każ in

eżami ma hemmx dubbju li l-arbitri (f'dan l-istadju qed jissejjħu
hekk biex ikun hemm riferenza sempliċi) ma mxewx bil-proċedura ndikata. Per eżempju qatt ma sejjħu l-partijiet u l-konvenut isostni li qatt ma rċieva r-riżultanzi tagħhom mingħandhom iżda mingħand l-avukat ta' l-attur li kien interpellah iħallas. Għalhekk il-kweżit hu jekk il-ħsieb tal-partijiet kienx li l-arbitri jimxu skond il-liġi jew jekk il-ħsieb kienx li jqabbdu persuni konsidrati bħal 'ħbieb' skond il-liġi biex imexxu informalment u jaslu għal riżultat.

Il-Qorti tħoss li iktar minn ħbieb, l-arbitri kienu persuni tal-fiduċja tal-partijiet li nterpretaw riġidament il-mandat tagħhom. Huma ġew awtorizzati jeżaminaw il-kotba tas-soċjeta' illi kellhom il-partijiet u hekk għamlu. Waslu biex stabbilew il-fondi tas-soċjeta' meta din ġiet terminata. Dan pero' ma jfissirx neċessarjament li nofs l-ammont li waslu għalih kellu jkun l-ammont pagabbli mill-konvenut lill-attur għaliex ċertament jista' jkun hemm fatturi li jkabbru jew inaqqsu dan l-ammont – fil-fatt il-konvenut isostni illi hu kellu jitħallas għall-avvjament għaliex kien gia' fin-negozju qabel l-attur u huma bdew jinnegozjaw fuq il-*good will* illi kien ġab miegħu hu. Dawn
naturalment huma ċirkostanzi li għandhom jiġu vverifikati fi stadju ieħor għaliex il-partijiet ma ressqux provi esawrjenti fir-rigward peress li l-kawża sa issa ġiet kontestata fuq il-validita' o meno ta' l-arbitraġġ jew konteġġi skond minn liema naħa wieħed jaraha.

Il-Qorti ma jidhriliex illi l-proċedura kienet intiża biex tiġi deċiża minn *ħabib* kif tgħid il-liġi iżda arbitraġġ veru u proprju u dan għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett huwa ċar li bejn il-partijiet kien hemm diverġenzi fuq ammont kbir ta' flus speċjalment fiż-żmien li nqalgħu l-kwistjonijiet. Anke l-allegazzjonijiet li ġew addebitati viċevendevolment bejn il-partijiet fil-kors tal-kawża huma indikazzjoni li l-kwistjoni bejniethom kienet waħda serja, sia pure kontestata ċivilment.

Għalhekk l-arbitri kienu fid-dover illi għall-inqas isejjħu lill-partijiet meta kienu qed jiġbru ċ-ċifri biex jekk ikun il-każ jisimgħu l-ispjegazzjoni tagħhom u ċertament kellhom

jisimgħuhom għal smigħ finali qabel ma taw id-deċiżjoni tagħhom. Dan żgur li ma għamluhx mhux b'intenzjoni ħażina iżda għaliex mhux biss interpretaw *ad litteram* biss il-mandat tagħhom iżda għaliex ukoll ma kellhomx sfond legali. Kif pero' irriteniet din il-Qorti preseduta mill-kompjant Onor. Imħallef A. J Montanaro Gauci fil-kawża Francesco Wismayer et vs Rinaldo Wismayer deċiża fil-11 ta' Ottubru, 1949; "*Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni arbitrali anteċedentement għad-depositu tagħha hija wieħed mir-rekwisiti li fis-sistema ta' liġi tagħna huwa essenzjali; u l-inosservanza tagħha ġġib in-nullita' tad-deċiżjoni arbitrali. Il-konsenja privata ta' kopja tad-deċiżjoni mill-arbitru lill-partijiet qabel id-depositu ma tistax tekwivali għall pubblikazzjoni li trid il-liġi.* Is-sentenza ċitata ukoll mill-attur Zammit vs Stivala – (Appell Kummerċjali - 20 ta' Lulju, 1994) ukoll tispjega l-importanza li jiġu osservati l-proċeduri ta' arbitraġġ taħt piena ta' nullita'.

Il-Qorti tixtieq tagħmilha ċara li dan ma jimpinġi xejn fuq il-korrettezza o meno tal-konklużjonijiet statistiċi milħuqa mill-arbitri iżda ma jistgħux jiġu aċċettati minnha bħala finalitajiet arbitrali.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi. L-ispejjeż, stante ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------